Government of Western Australia
Department of Health

# NOTI FUQ EŻAMI MAMMOGRAFIKU

BreastScreen WA
WA's only accredited screening service

## Merħba għall-klinika ta' BreastScreen WA...

Jekk jogħġbok aqra dan it-tagħrif importanti dwar l-eżami mammografiku u imla l-formola mehmuża tal-kunsens QABEL il-mammogramma tiegħek. Jekk għandek xi mistoqsijiet l-istaff fil-unit ta' l-eżami jistgħu jgħinuk. Jekk jogħġbok innota li int tista' twaqqaf il-proċedura f'kwalunkwe ħin.

### Dwar il-programm ta' l-eżami tas-sider

L-għan tal-programm ta' l-eżami tas-sider hu li jnaqqas l-imwiet kaġun tal-kanċer tas-sider. Mammogramma (X-ray tas-sider) hu l-aħjar metodu li għandna bħalissa biex insibu il-kanċerijiet tas-sider meta tant ikunu żgħar li ma tistax tħosshom. Aktar ma waħda tiddijanjostika kanċer tas-sider kmieni aktar ikun hemm ċans aħjar li tirnexxi l-kura.

Il-fokus tal-Programm ta' BreastScreen WA hu fuq l-iskoperta bikrija tal-kanċer tas-sider. Tibdil li jidher fuq il-mammogramma tiegħek li mhuwiex meqjus li huma sinjal ta' kanċer tas-sider ma jkunux irrapportati.

Ix-xhieda kurrenti medika turi li l-eżami hu l-aktar utli fil-każ ta' nisa ta' bejn il-50-74. Iċ-ċans tiegħek li jkollok kanċer tas-sider jiżdied ma' l-età. Kważi 70% tal-kanċerijiet tas-sider jolqtu lin-nisa li għandhom 50 jew aktar. Eżamijiet regolari mammografiċi jistgħu jnaqqsu l—imwiet fost in-nisa b'madwar 30%. Il-benefiċċji ta' eżami mammografiku huma inqas għal nisa li għandhom inqas minn 50.

### Kif issir il-mammogramma?

**Int ser tiġi mitluba tinża sa qaddek u tingħata *gown* biex tilbisha. Radjografa li ġiet imħarrġa apposta ser tieħu l-mammogramma tiegħek.**

Waqt li tkun qed tittieħed il-mammogramma s-sider ser ikun magħfus għal ftit sekondi biex ikollna stampa ċara. Dan għandu mnejn ikun skomdu.

Normalment jittieħdu żewġ ritratti ta' kull sider, imma xi kultant ikun hemm bżonn ta' aktar.

### Min jaqra l-mammogramma?

**Ir-riżultat tal-mammogramma tiegħek ser ikun ibbażat fuq il-ftehim bejn ta' l-anqas żewġ tobba speċjalizzati (radjoloġisti) li għandhom ħafna esperjenza fil-qari tal-mammogrammi. Il-mammogrammi kollha jinqraw indipendentiment. Xi kultant, jekk l-ewwel żewġ radjoloġisti ma jaqblux, radjoloġist/a ieħor/oħra ser jaqraw il-mammogramma tiegħek.**

### X'jiġri jekk ikolli bżonn ta' X-ray ieħor?

Spiss ir-radjoloġista ser titlob għal x-ray ieħor jekk l-istampa li ġiet prodotta mhix ċara biżżejjed. Jekk hemm bżonn li jsir dan int ser tirċievi telefonata jew ittra fejn tintalab tmur lura. Dawn l-x-rays l-oħra ser isiru fil-klinika ta' l-eżami.

### Notifikazzjoni tar-riżultati

**Il-biċċa l-kbira tan-nisa ser ikunu informati fi żmien 14-il ġurnata li kollox sew. Spiss in-nisa jiġu mitluba li jmorru lura għal aktar testijiet. Jekk dan hu meħtieġ, in-ners ta' l-eżami tas-sider mill-BreastScreen WA ser iċċempel biex tiddiskuti dan miegħek. Fil-biċċa**

**l-kbira tal-każi dawn it-testijiet ma juru l-ebda problemi li jkollha bżonn ta' aktar investigazzjoni.**

Nisa li jkun eżaminati fiż-żona metropolitana ser ikunu offruti appuntament f'ċentru ta' l-assessjament tal-programm fejn isiru eżamijiet oħra mammografiċi jew, jekk hemm bżonn, testijiet oħra.

Fil-każ ta' nisa li jkunu eżaminati f'unit mobbli rurali, dawn l-eżamijiet l-oħra mammografiċi ser isiru, għall-kumdità tagħhom, fil-vann mobbli.

**Jekk Jogħġbok Innota:** BreastScreen WA iżomm il-mammogrammi biex tqabbilhom ma' films futuri.

### Kemm tista' waħda toqgħod fuq il-mammogramma?

**Il-mammogrammi jistgħu juru sa 90% fil-mija tal-kanċerijiet tas-sider. Hemm xi kanċerijiet li ma jistgħux jidhru fuq mammogramma. Nisa aktar żgħażagħ jew nisa li qegħdin fuq it-Terapija tat-Tibdil ta' l-Ormuni għandhom mnejn ikollhom tessuti aktar ħoxnin tas-sider minn nisa akbar fl-età u dan għandu mnejn jagħmilha aktar diffiċli biex wieħed jidentifika kanċer fuq mammogramma. Dan għandu mnejn iwassal li nisa iżgħar fl-età ikollhom bżonn ta' aktar investigazzjonijiet, inkluża bijopsija, minħabba d-diffikultà li jkun eskluż kanċer a bażi tal-mammogramma.**

Fl-istess ħin mammogramma għandha mnejn tidher għall-ewwel li hi inkwetanti imma investigazzjonijiet oħra juru li m'hemm l-ebda problema serja.

Jekk wieħed jagħmel mammogramma, dan mhux ser jevita kanċer tas-sider imma s-sejba bikrija tiżgura l-aħjar ċans ta' kura li tirnexxi.

### Il-mammogramma tista' tagħmel xi dannu?

**Kultant l-għafsa li ssir meta tittieħed mammogramma għandha mnejn tikkawża xi sensittività jew tbenġil temporanju fis-sider. Dan ma jikkawżawx l-ebda dannu għal żmien twil fit-tessut tas-sider.**

Kull mammogramma tuża doża baxxa ħafna tar-radjazzjoni. Ix-xhieda kurrenti turi li hemm riskju baxx ħafna assoċjat ma' dan l-esponiment tar-radjazzjoni. Il-benefiċċji ta' l-eżami mammografiku huma akbar minn dan ir-riskju.

Mhux ta' min jagħti parir li nisa li jaħsbu li huma tqal ikollhom mammogramma. Jekk hemm iċ-ċans li int għandek mnejn tkun tqila, jekk jogħġbok avża lir-*receptionist* jew lir-radjografa.

### X'jiġri jekk għandi issa nefħa jew problema f'sidri?

Jekk innotajt nefħa f'sidrek, ħruġ ta' xi likwidu minn nippla jew xi tibdil ieħor f'sidrek, jekk jogħġbok għid lir-radjografa qabel ma tieħu l-mammogramma tiegħek. Hu importanti wkoll li int tara lit-tabib tiegħek dwar dawn is-sintomi imqar jekk il-mammogramma hi normali.

### Għax għandi nagħtik id-dettalji tat-tabib tal-familja tiegħi?

Biex nagħtuk l-aħjar kura, it-tabib tal-familja tiegħek għandu bżonn tagħrif dwar il-kura kollha ta' saħħtek. Aħna nixtiequ nibgħatu r-riżultat dwar il-mammogramma tiegħek lilu/lilha. Fl-intervall bejn il-mammogrammi, hu importanti li int teżamina sidrek regolarment u int tirrapporta kwalunkwe tibdil lit-tabib tiegħek minnufih. Aħna nissuġġerulek li int tara li sidrek ikun eżaminat regolarment mit-tabib tiegħek.